**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Gunju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 446/2005 AF**

**Salvina armla ta' Alfred Schembri f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Michaeline Borg u Joseph Vella; Pauline mart Amante Sant; Mary mart John Buttigieg; Rita mart Anthony Borg; Lucia mart James sive Jimmy Zammit f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Father Elia Vella u Grace mart Joseph Attard; Toni Vella; Giacinta mart Carmel Grech; Dolores sive Doreen mart Joseph Schembri f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Peter Vella**

**vs**

**Theresa Debono, Angelo Vella u Francis Vella u Carmen maghrufa bhala Therese mart Louis Dimech**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi Salvina armla ta' Alfred Schembri f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Michaeline Borg u Joseph Vella; Pauline mart Amante Sant; Mary mart John Buttigieg; Rita mart Anthony Borg; Lucia mart James sive

Jimmy Zammit f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Father Elia Vella u Grace mart Joseph Attard; Toni Vella; Giacinta mart Carmel Grech; Dolores sive Doreen mart Joseph Schembri f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Peter Vella, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-atturi kif ukoll il-konvenuti Angelo u Francis Vella u Carmen Dimech huma ulied Coronato Vella li miet fid-29 ta' Jannar, 2004 kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tal-mewt li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. "A".

L-ahhar testment tal-imsemmi Coronato Vella huwa dak tal-4 ta' Settembru 2000 in atti Nutar Dottor Edward Flores li kopja tieghu qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "B", "C" u "D".

Fl-imsemmi testment l-imsemmi Coronato Vella wara illi irrevoka, annulla u hassar, kwalsiasi testment li huwa seta' kien ghamel sa dak il-jum, istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti Theresa Debono, Angelo Vella u Francis Vella "*bil-patt illi l-eredi universali istitwiti minnu f'dan l-artikolu jibqghu jiehdu hsiebu kif qed jaghmlu sad-data tal-mewt tieghu*".

Effettivament din il-kundizzjoni ma sehhitx u matul l-ahhar snin ta' hajtu il-konvenuti Theresa Debono, Angelo Vella u Francis Vella ma kienux qed jiehdu hsieb lill-imsemmi Coronato Vella li kien qed jghix kwazi esklussivament f'Ghawdex ma whud mill-atturi u anke mal-konvenuta Carmen Dimech u ghalhekk l-imsemmija klawsola testamentarja qatt ma dahlet fis-sehh.

Effettivament ghalhekk l-eredi skond il-ligi tal-imsemmi Coronato Vella huma r-rikorrenti flimkien mal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom u cioè fi kwoti ta' sehem minn sittax (16) indiviz kull wiehed mill-atturi u mill-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech.

Il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech gew interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni bonarja tal-eredità ta' Coronato Vella a bazi ta' sehem minn sittax (16) indivizament u

ugwalment flimkien mal-atturi imma sal-lum baqghu inadempjenti.

Di più il-konvenuti, Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, baqghu jsostnu illi huma eredi universali testamentarji istitwiti fl-imsemmi testment tan-Nutar Dottor Edward Flores ad eskluzjoni tal-atturi u tal-konvenuta Carmen Dimech, peress illi skond huma s-successjoni ta' Coronato Vella ghandha tigi regolata bl-imsemmi testment.

Permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1348/2004 il-konvenuti Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, gew inibiti milli bi kwalsiasi mod u that kwalsiasi titolu jittrasferixxu jew jghaddu xi sehem jew parti diviza tal-fond 74, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kundizzjoni li l-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Theresa Debono jibqghu jiehdu hsieb it-testatur Coronato Vella sad-data tal-mewt tieghu imsemmija fl-artikolu tnejn tat-testment ta' Coronato Vella missier l-atturi u l-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech, in atti Nutar Dottor Edward Flores tal-4 ta' Settembru 2000 ma avveratx ruhha u li ghalhekk il-konvenuti Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, ma humiex eredi testamentarji skond l-imsemmi testment.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-eredi ta' Coronato Vella li kellu l-karta tal-identità 378814(G) u li miet fid-29 ta' Jannar, 2004 huma l-atturi kif ukoll il-konvenut Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech fi kwoti indaqs ta' parti minn sittax (16) sehem indiviz u indivizament bejniethom.

3. Tillikwida l-assi ereditarju tal-imsemmi Coronato Vella billi tiddikjara li jikkonsisti f'dawk il-beni illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmi Coronato Vella f'sittax-il (16) ishma indaqs li jigu assenjati sehem

kull wiehed lill-atturi kif ukoll sehem kull wiehed lill-konvenuti Francis Vella, Angelo Vella u Carmen Dimech.

5. Jekk il-qsim tal-beni komprizi fl-assi ereditarju fuq imsemmija ma jistax isir, peress illi l-beni ma humiex komodament divizibbli, tordna li jsir il-bejgh in licitazzjoni ta' dawk il-beni, b'dan illi jkunu jistghu jaghmlu offerti anke obblaturi estraneji.

6. Tahtar Perit Arkitett sabiex jaghmel l-istimi u l-pjanijiet tal-qasma, Nutar Pubbliku biex jircievi u jippubblika l-att opportun u Kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 1348/2004 kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Pauline mart Amante Sant li ddikjarat illi:

L-atturi kif ukoll il-konvenuti Angelo u Francis Vella u Carmen Dimech huma ulied Coronato Vella li miet fi-d29 ta' Jannar 2004 kif jirrizulta minn kopja tac-Certifikat tal-mewt li qed jigi hawn anness u markat Dok. "A".

L-ahhar testment tal-imsemmi Coronato Vella huwa dak tal-4 ta' Settembru 2000 in atti Nutar Dottor Edward Flores li kopja tieghu qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "B", "C" u "D".

Fl-imsemmi testment l-imsemmi Coronato Vella wara illi irrevoka, annulla u hassar, kwalsiasi testment li huwa seta' kien ghamel sa dak il-jum, istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti Theresa Debono, Angelo Vella u Francis Vella "*bil-patt illi l-eredi universali istitwiti minnu f'dan l-artikolu jibqghu jiehdu hsiebu kif qed jaghmlu sad-data tal-mewt tieghu*".

Effettivament din il-kundizzjoni ma sehhitx u matul l-ahhar snin ta' hajtu il-konvenuti Theresa Debono, Angelo Vella u Francis Vella ma kienux qed jiehdu hsieb lill-imsemmi Coronato Vella li

kien qed jghix kwazi esklussivament f'Ghawdex ma whud mill-atturi u anke mal-konvenuta Carmen Dimech u ghalhekk l-imsemmija klawsola testamentarja qatt ma dahlet fis-sehh.

Effettivament ghalhekk l-eredi skond il-ligi tal-imsemmi Coronato Vella huma r-rikorrenti flimkien mal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom u cioè fi kwoti ta' sehem minn sittax (16) indiviz kull wiehed mill-atturi u mill-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech.

Il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech gew interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni bonarja tal-eredità ta' Coronato Vella a bazi ta' sehem minn sittax (16) indivizament u ugwalment flimkien mal-atturi imma sal-lum baqghu inadempjenti.

Di più il-konvenuti, Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, baqghu jsostnu illi huma eredi universali testamentarji istitwiti fl-imsemmi testment tan-Nutar Dottor Edward Flores ad eskluzjoni tal-atturi u tal-konvenuta Carmen Dimech, peress illi skond huma s-successjoni ta' Coronato Vella ghandha tigi regolata bl-imsemmi testment.

Permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1348/2004 il-konvenuti Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, gew inibiti milli bi kwalsiasi mod u that kwalsiasi titolu jittrasferixxu jew jghaddu xi sehem jew parti diviza tal-fond 74, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Angelo Vella, ID Nru. 71451(G), Francis Vella, ID Nru. 46057(G) u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech ID Nru. 47448(G) fejn eccepew illi:

1. Qabel xejn din il-kawza ma tistax timxi qabel ma l-atturi jgibu il-quddiem prova illi huma ottempraw ruhhom mad-

disposizzjonijiet tal-Att XVII.1993 dwar Imposti fuq Dokumenti billi resqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis relattiva ghas-successjoni ta' missierhom, u illi hallsu t-taxxa dovuta minnhom fuq tali dikjarazzjoni.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma humiex jopponu u qatt ma jopponu t-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni illi l-wirt ta' Coronato Vella jinqasam bejn is-sittax-il (16) wild tieghu u ghalhekk huma jaderixxu ghat-talbiet attrici, salv dak illi sejjer jinghad fil-kontro citazzjoni taghhom.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, qabel ma ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji iridu jigu verifikati il-konsistenzi tal-istess assi, u jigu likwidati id-debiti tal-wirt u jithallsu l-istess debiti.

4. L-esponenti, però, jopponu ruhhom ghat-talba sabiex l-ispejjez tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1348/2004 jigu allokati lilhom ghas-semplici raguni illi din ic-citazzjoni ma gietx prezentata fit-terminu perentorju stabbilit fl-artikoli 867 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk din il-kawza ma tistax titqies illi saret in sostenn tal-pretensjonijiet dedotti f'dak il-mandat illi illum tilef l-effetti kollha tieghu.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti u bil-ġurament tiegħu Angelo Vella jikkonferma illi:

1. Huma jaqblu mal-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi.

2. Huma jaqblu illi l-kondizzjoni imposta fit-testment minn Coronato Vella ma sehhitx, imma jippretendu illi l-kuri assistenzi u servigi illi huma irrendew lill-istess missierhom ghandhom jigu kumpensati skond il-ligi, u dwar dan qed jintavolaw kontro-citazzjoni ma' din ic-citazzjoni.

3. Huma jaqblu mal-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni.

4. Is-sitt paragrafu mhux korrett ghaliex huma dejjem riedu illi ssir id-divizjoni bonarja tal-eredi ta' Coronato Vella, izda kienu l-atturi illi irrifjutaw illi jikkumpensawhom tas-servigi rezi minnhom, u kienet il-konvenuta l-ohra illi irrifjutat it-talbiet tal-atturi.

5. Is-seba' paragrafu mhux korrett ghaliex l-esponenti qatt ma sostnew illi Francis Vella u Angelo Vella flimkien ma' Theresa Debono huma l-unici eredi ta' missierhom.

6. It-tmien paragrafu huwa korrett, ben intiz illi dak il-mandat illum tilef l-effetti tieghu ghaliex ma giex segwit b'din il-kawza fiz-zmien perentorju stabbilit fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. L-esponenti isostnu wkoll illi qabel xejn din il-kawza ma tistax timxi qabel mal-atturi jgibu il-quddiem prova illi huma ottemporaw ruhhom mad-disposizzjonijiet tal-Att. XVII.1993 dwar Imposti fuq Dokumenti billi resqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis relattiva ghas-successjoni ta' missierhom, u illi hallsu t-taxxa dovuta minnhom fuq tali dikjarazzjoni.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech li taqra hekk:

L-istess konvenuti irrendew diversi servigi kuri u assistenzi lill-missier komuni taghhom u tal-atturi Coronato Vella illi miet fid-29 ta' Jannar 2004, u dan ghal diversi snin, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Coronato Vella innifsu kien irrikonoxa l-entità tas-servigi kuri u assistenzi illi kienu qeghdin jigu prestati lilu mill-esponenti, tant illi kien ghal din ir-raguni illi huwa addivjena ghat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores tal-4 ta' Settembru 2000.

Il-konvenuti iridu illi jithallsu kumpens gust ghas-servigi kuri u assistenzi illi huma irrendew lil missierhom.

Dan il-hlas dovut lilhom ghandu jigi prelevat mill-assi ereditarji ta’ Coronato Vella, illi tieghu l-atturi infushom jikkontendu illi huma eredi.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tillikwida il-kumpens gust u xieraq illi huwa dovut lil kull wiehed u wahda minn Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech ghas-servigi kuri u assistenzi illi huma irrendew lil missierhom.

2. Tikkundanna lill-atturi ihallsu sehemhom minn dan il-kumpens, fi kwota ta’ sedecisima parti (1/16) kull wiehed u wahda minnhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Frar 2004, u dik ta’ Novembru 2004 kontra taghkom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech:

L-istess konvenuti irrendew diversi servigi kuri u assistenzi lill-missier komuni taghhom u tal-atturi Coronato Vella illi miet fid-29 ta’ Jannar 2004, u dan ghal diversi snin, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Coronato Vella innifsu kien irrikonoxxa l-entità tas-servigi kuri u assistenzi illi kienu qeghdin jigu prestati lilu mill-esponenti, tant illi kien ghal din ir-raguni illi huwa addivjena ghat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Edward Flores tal-4 ta’ Settembru 2000.

Il-konvenuti iridu illi jithallsu kumpens gust ghas-servigi kuri u assistenzi illi huma irrendew lil missierhom.

Dan il-hlas dovut lilhom ghandu jigi prelevat mill-assi ereditarji ta' Coronato Vella, illi tieghu l-atturi infushom jikkontendu illi huma eredi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-atturi għat-talbiet rikonvenzjonali magħmula mill-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech fejn jeccepixxu illi:

1. Preliminarjament u qabel kollox ghandu jinghad illi l-konvenuti jridu jippruvaw liema servigi irrendew u ghal liema perjodu.

2. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti kienu dejjem gew imhallsa u kkumpensati tas-servigi minnhom rezi.

3. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet tal-konvenuti in via rikonvenzjonali huma estinti bil-preskrizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi għat-talbiet rikonvenzjonali magħmula mill-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech maħlufa minn Pauline Sant fejn esponew illi:

1. Preliminarjament u qabel kollox ghandu jinghad illi l-konvenuti jridu jippruvaw liema servigi irrendew u ghal liema perjodu. Ghandu jinghad illi l-konvenuti dejjem avvanzaw talbiet esagerati dwar servigi allegatament minnhom rezi minghajr l-ebda spjegazzjoni.

2. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti kienu dejjem gew imhallsa u kkumpensati tas-servigi minnhom rezi.

3. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet tal-konvenuti in via rikonvenzjonali huma estinti bil-preskrizzjoni.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Therese Debono fejn eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti hija l-eredi tal-assi tad-defunt Carmel Vella kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits u dokumenti ppreżentati.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen magħrufa bħala Therese mart Louis Dimech.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi l-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma dawn:

L-atturi kif ukoll il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech huma kollha ulied Coronato Vella li miet fid-29 ta' Jannar 2004. L-aħħar testment tad-defunt Coronato Vella huwa dak tal-4 ta' Settembru 2000 fl-atti tan-nutar Dottor Edward Flores. Permezz ta' dan il-kuntratt, Coronato Vella wara illi rrevoka, annulla u ħassar kwalsiasi testment li huwa seta' kien għamel qabel, istitwixxa bħala eredi universali lill-konvenuti Theresa Debono, Francis Vella u Angelo Vella, '*bil-patt illi l-eredi universali istitwiti minnu f'dan l-artikolu jibqgħu jieħdu ħsiebu kif qed jagħmlu llum sad-data tal-mewt tiegħu*.'[1]

L-atturi qiegħdin jipproponu din il-kawża għaliex huma jsostnu li din il-kundizzjoni ma avveratx ruħha u dan peress illi fl-aħħar snin ta' ħajtu Coronato Vella kien qiegħed jgħix ma wħud mill-

[1] Vide kopja tat-testment a fol. 8 tal-proċess

atturi kif ukoll mal-konvenuta Carmen Dimech u għalhekk l-imsemmija klawsola testamentarja qatt ma daħlet fis-seħħ.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech laqgħu għat-talbiet attriċi preliminarjament billi eċċeppew illi l-azzjoni odjerna ma setgħetx titmexxa mill-atturi qabel ma huma jġibu prova illi huma ottemporaw ruħhom mad-disposiżżjonijiet tal-Att XVII.1993 dwar Imposti fuq Dokumenti billi resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* relattiva għas-suċċessjoni ta' missierhom u illi ħallsu t-taxxa dovuta fuq tali dikjarazzjoni. Fil-mertu huma jikkonfermaw li huma ma jopponux għat-talba tal-attriċi li jiġi dikjarat illi l-wirt ta' Coronato Vella jinqasam bejn is 16-il wild tiegħu salv it-talbiet rikonvenzjonali tagħhom, senjatament illi jitħallsu kumpens ġust għas-serviġi, kuri u assistenzi illi huma rrendew lill-missierhom.

Il-konvenuta Theresa Debono laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet illi t-talbiet tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija l-eredi tad-defunt Coronato Vella.

Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech dwar il-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, il-Qorti tagħmel riferenza għax-xhieda ta' Ivan Portelli, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li spjega li d-Dipartiment li huwa jirrappreżenta jaċċetta ħlas wara d-dikjarazzjoni *causa mortis* mingħand dawk illi jkunu indikati bħala eredi fuq it-testment tad-defunt. Għaldaqstant, fil-każ odjern fejn l-atturi ppropónew din il-kawża essenzjalment sabiex jiġu dikjarati eredi ta' missierhom flimkien ma ħuthom il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech, ċertament illi l-atturi ma jistgħux jersqu għall-kuntratt ta' trasferiment *causa mortis* sakemm jiġu dikjarati li huma l-eredi ta' missierhom Coronato Vella.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuti konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech qiegħda tiġi miċħuda.
Fil-mertu, il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech iddikjaraw fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom illi huma jaqblu li l-klawsola testamentarja in kwistjoni qatt ma daħħlet

fis-seħħ u li għaldaqstant l-eredi universali ta' Coronato Vella huma uliedu kollha fi kwoti ndaqs bejnithom.  F'dan ir-rigward il-Qorti qieset l-affidavits prodotti mill-partijiet kif ukoll ix-xhieda tal-konvenuta Theresa Debono fejn joħroġ ċar illi filfatt il-kundizzjoni testamentarja tad-defunt Coronato Vella qatt ma seħħet.  Fl-aħħar snin ta' ħajtu Coronato Vella għex ma diversi minn uliedu ad esklussjoni tal-konvenuta Theresa Debono li kienet ħadet ħsiebu biss għal disgħa xhur sakemm dam jgħix magħha u mal-konvenut Francis Vella, '*Coronato u Frangiska damu jgħixu magħna għal xi 9 xhur*'.[2]  Hija tikkonferma wkoll fl-istess xhieda li '*Minn meta telaq minn għandi lil Coronato ma rajtux iżjed*.'

Għaldaqstant l-ewwel talba attriċi qiegħda tiġi milqugħha filwaqt illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Theresa Debono qiegħdin jiġu miċħuda bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fir-rigward tal-assi ereditarji tal-imsemmi Coronato Vella, jirriżulta li l-unika immobbli li hemm hija l-proprjeta 74, Triq San Blas, Nadur, Għawdex.  L-atturi kif ukoll il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech isemmu xi oġġetti u għamara li jinsabu f'din il-proprjetà kif ukoll xi oġġetti tad-deheb illi kellu Coronato Vella.  Però fin-nuqqas ta' prova ta' fiex jikkonsistu u fejn jinsabu dawn l-oġġetti kif ukoll jekk għadhomx jeżistu, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra oġġetti *in vacuo* u għaldaqstant ser tillimita ruħha billi tiddikjara li l-assi ereditarji tad-defunt Coronato Vella jikkonsistu fil-proprjetà surriferita.  Lanqas ma jirriżulta li tressqet xi prova dwar id-debiti tal-wirt ta' Coronato Vella.

Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech sabiex jiġu kkumpensati tas-serviġi, kuri u assistenzi illi huma rrendew lill-missierhom Coronato Vella.

Preliminarjament qiegħda ssir riferenza għall-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 18 ta' Novembru 2005 fejn il-Qorti kienet issollevat in-nullità tal-kontro-talba in vista tal-fatt illi din tista' tkun diretta biss lejn l-atturi, u għaldaqstant il-

[2] Xhieda a fol. 283 tal-proċess

Qorti ordnat illi jinstemgħu l-provi u titratta l-każ fil-kuntest biss tal-ewwel u tieni talbiet attriċi. Peress illi jirriżulta li l-eredi tad-defunt Coronato Vella huma filfatt uliedu kollha biss fi kwoti ugwali bejnithom u dan għar-raġunijiet suesposti, din l-eċċezzjoni hija sorvolata.

Għaldaqstant, din il-Qorti ser tkompli sabiex tqis it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech.

Jibda biex jingħad illi l-atturi laqgħu preliminarjament għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech billi eċċeppew illi it-talbiet huma estinti bil-preskrizzjoni.

Il-ġurisprudenza in materja hija waħda kostanti fis-sens li hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom. Il-Qrati tagħna, anki f'każijiet reċenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwità tas-serviġi (ara sentenza preliminari tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Giovanna Caruana vs Salvino Scicluna et**, deċiża fl-4 ta' Ġunju 1948 Vol. XXXIII.I.285). Dan il-prinċipju ġie ribadit fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawża fl-ismijiet **Agostino Pace et vs Antonio Agius noe** fejn ingħad espressament li:

> "l-*azzjoni għall-ħlas ta' serviġi u għar-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruħha f'ħames snin; u ċ-ċirkustanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux biżżejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-*

> *prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri*."

Rilevanti għal dan il-każ ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et, deċiża fit-2 ta' Ottubru 2002 fejn intqal illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens.

Il-Qorti tqis illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech huma limitati għas-serviġi li skont huma ġew prestati lil missierhom minn nofs is-sena 2000 sakemm effettivament miet fil-bidu tas-sena 2004. Jirriżulta però li l-konvenuti msemmija kienu ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-atturi ftit ta' żmien wara li ġie nieqes Coronato Vella, kopja ta' liema ittra uffiċjali qiegħda ppreżentata in atti u tinsab a fol. 207 tal-proċess, li permezz tagħha interrompew il-preskrizzjoni. Jirriżulta wkoll illi permezz tat-testment magħmul minnu, Coronato Vella kien irrikonoxxa s-serviġi li kienu qiegħdin jiġu prestati lilu mill-konvenuti Francis Vella u Angelo Vella għallinqas sa meta sar it-testment in kwistjoni. Fir-rigward ta' Carmen Dimech, it-talba tagħha hija dwar serviġi li hija prestat lil missierha fis-snin 2001, 2002 u 2003, u għaldaqstant in kwantu li l-kontro-talba ġiet ippreżentata fis-sena 2005, ċertament illi t-talbiet tagħha ma jistgħux jitqiesu li huma preskritti.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-atturi għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, mill-provi miġbura jidher li bejn il-parijiet id-diverġenza prinċipali hija jekk l-l-konvenuti rikonvenzjonali ġewx kumpensati jew le għas-serviġi li rrendew lil missierhom.

Il-partijiet jaqblu bejn wieħed u ieħor fiex kienu jikkonsistu dawn is-serviġi kif ukoll illi kienu straordinarji fis-sens illi Coronato Vella kien marid bid-dimensja fost kundizzjonijiet oħra u kien jirrikjedi kura ta' natura impenjattiva. Hemm qbil bejn il-partijiet ukoll illi il-pensjoni ta' Coronato Vella kienet tissarraf u titqassam lil dik jew dak fost l-aħwa li magħhom ikun qiegħed jgħix. L-atturi fix-xhieda tagħhom isostnu wkoll illi Carmen Dimech dejjem tathom x'jifhmu li dak li kienet qiegħda tagħmel ma missierha ma kienitx qiegħda tagħmlu bi skop ta' qliegħ jew biex tiret.

Jibda biex jingħad illi hu veru li kien hemm epoka fil-ġurisprudenza lokali meta l-posizzjoni kienet illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsanguinità huma stretti, meta min jippresta s-serviġi ma jkunx sofra perditi materjali, imma biss inkomoda ruħu personalment, u dan sakemm ma jkunx hemm ukoll ċirkostanzi li juru ċar kemm mill-parti ta' min jippresta s-serviġi kif ukoll minn dak li a favur tiegħu huma prestati, li kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens (ara Farrugia vs Farrugia, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 1938, u Mifsud Speranza vs Frendo Randon, deċiża mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Gunju, 1942). F'dan il-perjodu, f'każ ta' serviġi prestati bejn parenti, s-serviġi ġew ritenuti prestati "*familiaritatis causa*" u kwindi l-presunzjoni kienet li ma kienx hemm il-ħsieb ta' kumpens għas-serviġi reżi.

Fil-ġurisprudenza aktar riċenti, però, anke għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw kjarament il-gratuità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (ara Ellul vs Ellul, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 1980, Azzopardi vs Azzopardi, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 1989, u Attard vs Attard, deċiża min din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1989). L-istess posizzjoni ittieħdet minn din il-Qorti fil-kawża Gili vs Grixti, deċiża fit-3 ta' Ottubru, 1991, meta ntqal li fin-nuqqas ta' ċirkostanzi li juru l-kuntrarju, kull serviġi għandu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, u wkoll fil-kawza Borg vs Gaffiero, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003.

Huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija treġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel (ara per eżempju, is-sentenza fl-ismijiet Anthony Cassar vs Lawrence Seychell, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 1984). Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu (Mifsud vs Briffa noe, deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 1935 (Kollez. Vol: XXIX.ii.664)), jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu (Deidun vs Poggi et, deċiża fis-6 ta' Ottubru 1954 (Kollez. Vol: XXXVIII.ii.568)).

F'din il-kawża, xehdu b'mod estensiv kemm permezz ta' affidavits kif ukoll in kontro-eżami dawk minn fost ulied Coronato Vella li jgħixu Malta jew Għawdex. Minn dawn id-depożizzjonijiet jirriżulta li fl-aħħar snin ta' ħajtu u ċioe min nofs is-sena 2000 sa Jannar 2004, Coronato Vella għex ma uliedu Salvina Schembri, Pauline Sant, Anthony Vella, Francis Vella u Theresa Debono, Angelo Vella, Giacinta Grech u Carmen Dimech. Kien hemm min żammu għal ftit ġimgħat biss u kien hemm min żammu għall-perjodi itwal. Mix-xhieda tal-atturi huwa ċar illi hemm qbil bejniethom illi l-konvenuta Carmen Dimech kienet l-aktar waħda fosthom illi refgħet il-piż tal-kura ta' missierha fis-snin qabel ma miet. Jidher li hemm qbil ukoll illi Coronato Vella dam jgħix mal-konvenut Francis Vella għal madwar disgħa xhur mhux interrotti sa Marzu 2001, kif ukoll għall-madwar ġimgħatejn oħra ftit taż-żmien wara, u li Coronato Vella għex ma Angelo Vella għal madwar perjodu ta' xahar u nofs. Il-konvenuta Carmen Dimech ppreżentat rendikont dettaljat li juri ma min għex fl-aħħar snin ta' ħajtu Coronato Vella, liema rendikont jinsab a fol. 206 tal-proċess. Fl-affidavit tagħha tispjega li hija żammet lil missierha għal perjodu ta' kważi sena mhux interrotta minn Mejju tas-sena 2001 sa April tas-sena 2002 kif ukoll għal perjodi iqsar wara.

Ma jirriżultax illi r-rendikont ippreżentat minn Carmen Dimech ġie kontradett mill-atturi.

F'dan il-każ ma jirriżultawx ċirkostanzi li jindikaw illi l-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech ma kellhomx ħsieb ta' kumpens. Fir-rigward ta' Francis Vella u Angelo Vella jidher illi huma minn dejjem kellhom f'moħħhom illi jduru b'missierhom sabiex jingħataw xi kumpens finanzjaru u anke aċċennaw dan ma ħuthom diversi drabi, fejn kienet issir riferenza għat-testment ta' Coronato Vella u l-kundizzjonijiet li għandu jkun fih. Fir-rigward ta' Carmen Dimech, huwa minnu li hija f'diversi okkażżjonijiet qalet illi hija kienet qiegħda tieħu ħsieb missierha b'rispett lejh u għaliex kien ħaqqu li xi ħadd idur bih wara li huwa rabba sittax il-wild, imma dan ma jnaqqasx mill-fatt illi hija kienet tippretendi li tiġi rikonoxxuta fis-sagrifiċċji li hija kienet qiegħda tagħmel ma missierhom. Filfatt, hemm qbil bejn l-aħwa li Carmen Dimech kienet l-wild illi refgħet il-piż ta' kura ta' missierhom l-aktar fl-aħħar żmien ta' ħajtu. Tant hu hekk illi huma rrikonoxxew dan is-sagrifiċċju li għamlet ma missierhom meta qablu li hija kellha żżomm il-flus kontanti li kienu nstabu fid-dar ta' missierhom.

Fil-kawża fl-ismijiet Agius vs Galea deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1996, ġie ribadit il-prinċipju li l-gratwità u rrinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment u għalkemm, f'dak il-każ, l-attriċi rrendiet is-serviġi mad-decuius għax kien missierha, li safa waħdu wara l-mewt ta' ommha u hi, bħala l-unika tifla fost żewġ subien, ħasset li għandha tieħu ħsieb missierha li ma kienx f'posizzjoni li jieħu ħsieb lilu nnifsu, dan ma jfissirx li hi ma xtaqitx kumpens; lanqas il-fatt li għal-sentejn ma resqitx talba għall-kumpens, u għamlet dan biss wara nkwiet ma ħutha fuq id-deheb ta' ommha, ma jfisser li hi ma kellhiex ħsieb ta' remunerazzjoni.

Sabiex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw gratuwitament, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha (Gużeppi Borg vs Emanuel Azzopardi, deċiża minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2005).

L-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min tahom (Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2003).

Hekk ukoll fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-14 ta` Ottubru 1946 fil-kawża fl-ismijiet Sammut et vs Sammut (Vol XXXII-II-456) ingħad illi s-serviġi magħmula minn persuna lil persuna oħra tal-familja jew affini jippreżumu ruħhom bħala li ġew magħmula *"pietatis vel familiaritatis causa".* Imma l-preżunzjoni tal-gratuwita` tiġi newtralizżata meta dawn is-serviġi jikkaġunaw mhux biss perditi materjali imma anki inkomodi jew sagrifiċċju personali kif ukoll meta jkun hemm in-neċessità tal-prestazzjoni jew meta dawn isiru minn persuna li tkun qegħda tagħmilhom bit-tama ta' xi laxxita jew ħlas jew li tkun fil-bżonn.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet George Sciberras et vs Josephine Spiteri et, deċiża fl-1 ta' April 2005, intqal hekk:

> "*... għalkemm huwa veru li hemm dmir ta' l-ulied li jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom fl-istess waqt fid-dinja tal-lum hu naturali li wieħed jikkonkludi li anke f'serviġi reżi mill-ulied, il-preżunzjoni hija li l-istess ulied ikunu qed jagħmlu dawn is-serviġi verament b'sens ta' dover iżda fl-istess waqt ikunu qed jippretendu li dan is-sens ta' dover jigi premjat. Meta imbagħad, kif ġara f'dan il-każ, mal-mewt tal-ġenitur jiskopru li ma ħallihomx preferuti, iħossuhom li ġew privati minn xi haga u għalhekk huwa sew li jingħatalhom il-kumpens*."

Kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Farrugia vs Camilleri, deċiża fid-29 ta` Frar, 1996:

> "*il-fatt li l-attrici qalet li x-xoghol ghamlitu 'ghax hi ommi', ma jwaqqax il-presunzjoni li l-attrici xorta kellha l-hsieb li tigi kompensata*".

Finalment, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Rita Spiteri et vs Andrew Briffa et, deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 2012:

> *"F'dan il-każ ma jirriżultax ċirkostanzi li jindikaw li l-atturi ma kellhomx ħsieb ta' kumpens. Għalkemm huma pprestaw serviġi lil ġenituri prinċipalment għax kienu l-ulied bniet u b'sens ta' rispett u dover, valuri li llum naqsu sew fis-soċjetà tagħna, pero fl-istess waqt il-Qorti ma għandhiex dubbju illi kien hemm l-isperanza li kienu ser jiġu kompensati fil-wirt, almenu daqs ħuthom u mhux kif irriżulta prima facie fit-testment tal-ġenituri."*

Mill-premess jidher li s-serviġi li rrindew il-konvenuti Francis Vella, Angelo Vella u Carmen Dimech kienu ta' impenn kontinwu u ta' kulljum. Il-kundizzjoni ta' Coronato Vella kienet tirrikjedi ċertu impenn u dedikazzjoni da parti tal-konvenuti fi żmien illi missierhom dam jgħix magħhom b'mod illi kien dependenti fuqhom u l-kura tiegħu kienet tirrikjedi livell sostanzjali ta' sagrifiċċju personali.

Fir-rigward tal-kumpens li għandu jingħata, din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi kif diġa ntqal hemm qbil bejn il-partijiet illi min ikun qiegħed jieħu ħsieb lil Coronato Vella għandu jieħu l-pensjoni tiegħu sabiex minn hemm jitħallas għall-ispejjeż illi jkun qiegħed jinkorri. F'dan ir-rigward però jidher illi ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk l-ammont kienx ikun biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha inkorsi jew le. Dawk fost l-atturi li ġieli żammew lil Coronato Vella jsostnu li l-pensjoni dejjem kienet isservihom sabiex jixtru l-bżonnijiet tiegħu, li kien jinkludi mediċini u bosta affarijiet personali u ta' iġene personali, filwaqt illi l-konvenuti jsostnu li kemm il-darba kellhom joħorġu flus minn buthom sabiex jixtru l-bżonnijiet ta' missierhom. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni dan il-fatt meta tillikwida l-kumpens dovut.

Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawża fl-ismjiet Vassallo vs Aquilina, deċiża fid-29 ta' Gunju, 1982, qalet li wieħed għandu jżomm f'moħħu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela tal-attur mal-konvenut.

Konsiderazzjonijiet oħra li ġieli ġew konsidrati mill-Qorti tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħtu biex jaqdi lill-ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, bħal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (eż. ħasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom.

Fil-fatt, minn studju tal-ġurisprudenza, wieħed isib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti ingenti u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba għal-ħlas ta' serviġi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Delicata vs Saliba, deċiża fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bażata fuq kważi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn minn jirrendi s-serviġi u l-benefiċċjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi resi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Hekk, fil-kawża Agius vs Galea, ġia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-istat soċjali u ekonomiku tal-benefiċċjarju, u għat-tifla li, għal-diversi snin, kienet idur b'missierha li kien marid, jgħix magħha fid-dar tagħha, u jinqeda f'kollox bl-assistenza tagħha. Għaldaqstant, illikwidat kumpens ghal-darba waħda biss ta' Lm1500 (illum €3494.06).

Fir-rigward ta' Carmen Dimech, jirriżulta u dan fuq ammissjoni tagħha stess illi kienet żammet bil-kunsens ta' ħutha l-ammont ta' Lm2700, illum €6,289.31 li kienu nstabu fid-dar ta' missierha. Din il-Qorti hija tal-fehma, u dan wara li kkunsidrat in-natura tas-serviġi li ġew prestati kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħhna surriferit, illi Carmen Dimech tħallset għas-serviġi prestati meta hija ngħatat dawn il-flus bil-kunsens ta' ħutha. Għaldaqstant, m'huwiex dovut aktar kumpens lill-konvenuta Carmen Dimech f'dan l-istadju.

Fir-rigward ta' Francis Vella, tenut kont tas-serviġi li ġew prestati minnu fid- disgħa xhur illi huwa żamm lill-missieru jgħix miegħu kif ukoll tenut kont tal-ispejjeż illi huwa għamel

sabiex ikun jista jakkomoda lill-missieru, din il-Qorti qiegħda tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' elf Ewro (€1000).

Fir-rigward tal-konvenut Angelo Vella, tenut kont tas-serviġi li ġew prestati minnu meta għen lil ħuħ Francis Vella jieħu ħsieb missieru kif ukoll meta żamm lill missieru jgħix miegħu għal total ta' wieħed u ħamsin jum, din il-Qorti qiegħda tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200).

Għar-raġunijet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kundizzjoni li l-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Theresa Debono jibqgħu jieħdu ħsieb it-testatur Coronato Vella sad-data tal-mewt tiegħu msemmija fl-artikolu tnejn tat-testment ta' Coronato Vella missier l-atturi u l-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech in atti tan-Nutar Edward Flores tal-4 ta' Settembru 2000 ma avveratx ruħha u għalhekk il-konvenuti Francis Vella, Angelo Vella u Theresa Debono mhumiex eredi testamentarji skont l-imsemmi testment.

Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-eredi ta' Coronato Vella li kellu karta tal-identità 378814(G) u li miet fid-29 ta' Jannar 2004, huma l-atturi kif ukoll il-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech fi kwoti indaqs ta' parti minn sittax (16) sehem indiviż u indiviżament bejnithom.

Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmi Coronato Vella billi tiddikjara li jikkonsisti fil-proprjeta 74, Triq San Blas, Nadur, Għawdex.

Tilqa' r-raba' talba u taqsam u tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmi Coronato Vella f'sittax (16)-il ishma indaqs li jiġu assenjati sehem kull wieħed lill-atturi kif ukoll sehem kull wieħed lill-konvenuti Francis Vella, Angelo Vella u Carmen Dimech.

Riferibbilment għal ħames talba tiddikjara li l-proprjeta 74, Triq San Blas, Nadur, Għawdex mhijiex komodament diviżibbli u għaldaqstant għandha tinbiegħ b'liċitazzjoni b'dan illi jkunu

jistgħu isiru offerti anke minn oblaturi estraneji. Għall-fini ta' valutazzjoni tal-immobbli, il-prezz għandu jibda mill-istima tal-perit Saviour Micallef li tinsab a fol. 34 tal-proċess u li dwarha hemm qbil bejn il-partijiet. Tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-immobbli jinqasam f'sittax-il ishma ndaqs u ta' valur ugwali b'kull sehem minn dawn is-sittax-il ishma jiġi assenjat lil kull wieħed u waħda mill-atturi kif ukoll lill-konvenuti Francis Vella, Angelo Vella u Carmen Dimech, wara li jsir il-ħlas għas-suċċessjoni ta' sehemhom *causa mortis.*

Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech in parte billi tillikwida l-kumpens għas-serviġi dovuti lill-konvenut Francis Vella fl-ammont komplessiv ta' elf Ewro (€1000) u tillikwida l-kumpens għas-serviġi dovuti lill-konvenut Angelo Vella fl-ammont komplessiv ta' mitejn Ewro (€200) u tiddikjara li Carmen Dimech ġiet ikkumpensata għas-serviġi reżi minnha billi hija żammet il-flus kontanti li nstabu fid-dar tad-defunt Coronato Vella.

Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenuti Angelo Vella, Francis Vella u Carmen Dimech in parte billi tordna lill-atturi iħallsu lill-konvenuti Francis Vella u Angelo Vella l-ammont hekk likwidat fi kwota ta' wieħed minn sittax (1/16) kull wieħed, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-partijiet kollha fil-kawża f'ishma indaqs bejniethom. Għar-rigward tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1348/2004 tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG